MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 236/2005

**A.**

**-vs-**

**B et noe**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-14 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta minn liema relazzjoni twieldet tarbija kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li qed jigi esebit bhala Dokument A.

Illi l-konvenuta rregistrat lit-tarbija bhala “unknown father” skond kif jirrizulta mill-istess certifikat tat-twelid (Dok. A).

Illi l-attur huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-attur bhala l-missier naturali u biologiku tal-minuri .

2. Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid fis-sens li fil-kolonna tal-missier jitqieghed isem l-attur, u ma jibqas identifikat bhala “unknown father”, kif ukoll isiru l-korrezzjonijiet relattivi kif mitluba fl-istess certifikat.

Bl-ispejjes u l-konvenuta ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fid-29 ta’ Awissu, 2005 li permezz taghha l-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli.

2. Illi jehtieg illi l-minuri tkun parti mill-kawza u l-interessi tal-minuri ikunu rapprezentati minn kuraturi deputati stante illi jista’ jkun hemm kunflitt ta’ interess.

3. Illi jekk it-talbiet attrici jigu milqugha l-kliem “*the said*” iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Atti ta’ Twelid in kwistjoni.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li l-attur jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet attrici jigi milqugha dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Atti tat-Twelid in kwistjoni.

5. Illi fit-talbiet attrici ghandu jigi specifikat n-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Atti tat-Twelid in kwistjoni.

6. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Atti tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku mahlufa minn Carmel Mifsud, I.D. 103246(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta.

Rat l-attri processwali, u senjatament l-affidavits ta' l-attur, ta' Omissis u omissis.

Rat id-dokument a fol 10 tal-process u cioe' r-rizultanzi ta' talba ta' mandat ta' inibizzjoni ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha l-konvenuta u registrata bhala bint missier mhux maghruf tigi registrata bhala tieghu; il-konvenuta kif gia' inghad ippresentat nota ta' l-ammissjoni. Anke fil-proceduri fuq imsemmija kienet ammettiet dan pero' kienet irrespingiet it-talba tal-attur minhabba l-kondotta tal-attur.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deciza fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

*Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut ... fl-istess waqt li f dak iz-zmien ma kellhiex x'taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti .. irriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost ohrajn 30 ta' Jannar, 1998)... Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili, mehuda ma' dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f'mohh il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*

Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f'din il-kawza u ma hemm ebda dubbju dwar it-talba ta' l-attur.

Rigward l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku l-Artikolu 254 japplika ghall-korrezzjonijiet li jsiru skond il-procedura ndikata fl-artikolu precedenti u mhux f'kawzi simili. Ikun tajjeb pero' li tigi segwita l-procedura msemmija fl-Artikolu 256 li ser tigi ordnata minn din is-sentenza u cioe' li d-Direttur ikun obligat li jaghmel il-korrezzjoni fl-att tat-twelid fi zmien ghaxart ijiem li jigi notifikat b'kopja vera tas-sentenza stess.

**Ghaldaqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenuta;**

**1. tiddikjara lill-attur missier naturali tal-minuri ;**

**2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jirregistra l-korrezzjonijiet necessarju fl-att tat-twelid**

**numru 2273 tal-2003 billi jigu mnizzla l-konnotati ta' l-attur minnflok missier mhux maghruf u dan fi zmien ghaxart ijiem minn meta l-istess Direttur jigi notifikat mill-attur bil-konnotati tieghu u b'kopja vera ta' din is-sentenza mill-istess attur.**

**L-ispejjes jinqasmu ugwalment bejn l-attur u l-konvenuta li pero' ghandha thallas hi l-ispejjes tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------